# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Rikors Ġuramentat Numru: 79/2014 PC**

**Rosita Curmi**

**vs**

**Salvina Grima;**

**Dottor Joseph Grech bħala kuratur Deputat sabiex jirrappreżenta lill-assenti Margaret Testa u Alfred Curmi, t-tnejn ulied il-mejjet John Curmi;**

**Victor Curmi;**

**Emanuel Curmi; u**

**Paul Curmi**

***sentenza in parte***

**Illum It-Tlieta, 9 ta' Ottubru 2018**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-attriċi, wara li ppremettiet:

1. Illi Rosina Curmi, mart Salvatore Curmi mietet fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija u wieħed u disgħin (1991) (Dok. A) u rregolat is-suċċessjoni tagħha permezz ta' testment magħmul fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani fil-ħmistax (15) ta' Settembru ta' l-elf, disa' mija u sebgħa u tmenin (1987) (Dokument B, C, D). Permezz ta' dan it-testment, hija ħalliet legat lil bintha Salvina Grima iżda altrimenti, hija ma nnominatx werrieta u għalhekk, wirtuha skont il-liġi uliedha, John, Anthony, Joseph, Victor, Carmel, Emanuel, Paul u

Salvina armla ta' Francesco Grima lkoll huwa *(sic)* Curmi f' ishma ndaqs bejniethom;

2. Illi Salvatore Curmi miet intestat fl-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u tnejn u disgħin (1992) (Dokument E, F, G) u għalhekk wirtuh skont il-liġi wliedu John, Anthony, Joseph, Victor, Emanuel, Paul, Carmel u Salvina armla ta' Francesco Grima lkoll huwa *(sic)* Curmi f' ishma ndaqs bejniethom;

3. Illi permezz ta' kuntratt atti tan-nutar Paul George Pisani tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Jannar elf disa' mija u tmienja u tmenin (1988) (Dokument H), in-nanniet paterni ta' l-attriċi u ċioe' l-konjuġi Rosina u Salvu Curmi deheru li biegħu u ttrasferew lil binthom il-konvenuta Salvina Grima, li dehret li xtrat mingħandhom in-nofs indiviż tal-lok tad-djar markat bin-numru sitta u ħamsin (56) Cenc Street, Sannat, b' garaxx miegħu anness u mandra retrostanti, bl-arja tiegħu u bir-riżerva tad-dritt ta' użu u abitazzjoni tal-vendituri matul ħajjithom bil-prezz ta' elfejn lira Maltin (Lm 2,000) li l-vendituri jiddikjaraw li rċevew qabel l-att;

4. Illi skont att ieħor tan-Nutar Paul George Pisani tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Awwissu elf disa' mija tmienja u tmenin (23/08/1988) (Dokument I) kif korreġut b' att ieħor tal-istess Nutar tal-ħmistax (15) ta' April elf disa' mija u disgħa u tmenin (1989) (Dokument J), l-imsemmi Salvatore Curmi deher li biegħ ir-rimanenti nofs indiviż tal-imsemmi fond lil Victor Curmi u Margaret mart Paul Curmi bil-prezz ta' elfejn lira Maltin (Lm 2,000) b' riserva tad-dritt ta' użu w abitazzjoni favur Salvu Curmi u ibnu Joseph Curmi sakemm jibqa' ġuvni;

5. Illi permezz ta' sentenza mogħtija fit-30 ta' Lulju 2010 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali (Dokument K), hekk kif ikkonfermata in parte u varjata f' partijiet oħra permezz ta' sentenza mogħtija fit-28 ta' Marzu 2014 mill-Qorti ta' l-Appell Superjuri (Dok L), ġie dikjarat li (i) l-kuntratt atti tan-nutar Paul George Pisani tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Jannar elf disa' mija u tmienja u tmenin (1988) bejn Rosina u Salvu Curmi u min-naħa l-oħra Salvina Grima kien simulat billi għalkemm kellu element oneruż, dan il-kuntratt kien fin-natura preponderanti tiegħu kuntratt ta' donazzjoni; u (ii) l-att ieħor tan-Nutar Paul George Pisani tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Awwissu elf disa' mija tmienja u tmenin (23/08/1988) kif korreġut b' att ieħor tal-istess Nutar tal-ħmistax (15) ta' April elf disa' mija u disgħa u tmenin (1989) li sar bejn Salvatore Curmi min-naħa u min-naħa l-oħra Victor Curmi u Margaret mart Paul Curmi, kien simulat u kien fil-fatt kuntratt ta' donazzjoni;

6. Illi l-ulied Salvina Grima u Victor Curmi ma ġewx eżentati mill-kollazzjoni ta' l-immobbli donati lilhom, u ġialadarba, dawn jidhru li aċċetaw il-wirt tal-ġenituri tagħhom, dawn l-immobbli mertu ta' dawn il-kuntratti fuq imsemmija għal dak li jirrigwarda Salvina Grima u Victor Curmi għandhom jiġu kollazzjonati fid-diviżjoni tal-assi tal-ġenituri tal-kontendenti;

7. Illi l-imsemmija Joseph Curmi u Anthony Curmi mietu intestati u mingħajr dixxendenti u għalhekk, is-sehem spettanti lilhom għadda fuq ħuthom John, Emanuel, Paul, Victor, Carmel u Salvina ilkoll aħwa Curmi;

8. Illi John Curmi miet fl-esteru u jidher li l-eredi preżuntivi tiegħu huma wliedu Margaret Testa u Alfred Curmi;

9. Illi inoltre Carmel Curmi miet fit-8 ta' Diċembru 2005 (Dok M). Huwa rregola s-suċċessjoni tiegħu permezz ta' testment ta' l-20 ta' Ottubru 2003 magħmul fl-atti tan-Nutar Josianne Cini (Dok N, O, P) li permezz tiegħu, huwa nnomina bħala eredi universali tiegħu lil bintu unika l-esponenti Rosita Curmi;

10. Illi l-esponenti għandha nteress li tippromwovi din il-kawża peress li hija waħda mill-persuni ntitolati għall-ereditajiet ta' Salvatore u Rosina Curmi.

Talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandiex din il-Qorti:

i. Tordna lill-konvenuta Salvina Grima ġġib fil-massa tal-wirt rispettiv tal-ġenituri tagħha l-valur tas-sehem lilha donat permezz tal-kuntratt hawn fuq imsemmi, liema kuntratt ġie dikjarat bħala donazzjoni ai termini tas-sentenzi tal-Qorti fuq riferiti;

ii. Tordna lill-konvenut Victor Curmi jġib fil-massa tal-wirt rispettiv tal-ġenituri tiegħu l-valur tas-sehem lilu donat permezz tal-kuntratt hawn fuq imsemmi, liema kuntratt ġie dikjarat bħala donazzjoni ai termini tas-sentenzi tal-Qorti fuq riferiti;

iii. Tillikwida l-beni ġia formanti l-komunjoni tal-akkwisti tal-mejtin Rosina u Salvatore konjuġi Curmi billi tiddikjara illi jikkonsistu f' dawk il-beni u assi illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

iv. Tiddividi din il-komunjoni ta' l-akkwisti f' żewġ porzjonijiet ugwali illi jiġu assenjati waħda kull wieħed lill-assi partikolari ta' Salvatore Curmi u lill-assi partikolari ta' Rosina Curmi;

v. Tillikwida l-beni partikolari ta' Salvatore Curmi billi tiddikjara li jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni ta' l-akkwisti assenjata lilu kif fuq ingħadd, u dawk l-assi parafernali illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; inkluża l-kollazzjoni hawn fuq imsemmija;

vi. Tiddividi l-beni rimanenti fl-assi ereditarji ta' Salvatore Curmi f' sitt porzjonijiet ugwali illi jiġu assenjati waħda kull wieħed lil werrieta ta' John, Emanuel, Paul, Victor, l-attriċi bħala werrieta ta' Carmel u Salvina ilkoll aħwa Curmi;

vii. Tillikwida l-beni partikolari ta' Rosina Curmi billi tiddikjara li jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni ta' l-akkwisti assenjata lilha kif fuq ingħadd, u dawk l-assi parafernali illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; inkluża l-kollazzjoni hawn fuq imsemmija;

viii. Tiddividi l-beni rimanenti fl-assi ereditarji ta' Rosina Curmi f' sitt porzjonijiet ugwali illi jiġu assenjati waħda kull wiehed lil werrieta ta' John, Emanuel, Paul, Victor, l-attriċi bħala werrieta ta' Carmel u Salvina ilkoll aħwa Curmi;

ix. Taħtar Nutar pubbliku u tiffissa l-jum, ħin u lok għall-pubblikazzjoni tal-opportun att ta' diviżjoni tal-assi ereditarji hekk riżultanti, bl-intervent ta' kuraturi nominandi sabiex jidhru għall-eventwali kontumaċi fuq l-istess att;

x. Fin-nuqqas, f'każ illi jirriżulta li l-beni mhumiex komodament diviżibbli bejn il-kontendenti, tordna l-liċitazzjoni tal-istess beni bl-ammissjoni ta' oblaturi estranji, sabiex ir-rikavat jiġi ripartit bejn il-kontendenti fil-kwoti lilhom spettanti kif fuq ingħadd.

xi. Alternativament, f'każ li jirriżulta li l-beni in diviżjoni huma biss il-valuri tal-kollazzjoni illi għandhom jsiru minn Salvina Grima u Victor Curmi hekk kif fuq ingħadd, tillikwida l-valur ta' l-istess u tordna illi tali valur jiġi diviż u mħallas lill-eredi ta' Rosina u Salvatore Curmi fl-ishma hekk kif fuq indikati.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa intom ingunti.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut Victor Curmi li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi il-preskrizzjoni deċennali a bażi tal-Artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet tal-Malta) li jipprovdi hekk:

   845(1) "l-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew is-sehm riservat, jew f'suċċessjoni b'testment hemm ukoll 'ab intestate' tispiċċa bl-għeluq tal-għaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni".

   Huwa veru li hemm ġurisprudenza in materja li tgħid li din il-preskrizzjoni hija waħda akkwiżittiva u għalhekk irid jirrżulta mhux biss l-element passiv taż-żmien iżda wkoll l-element attiv tal-pussess. ("Charles Buttiġieġ et vs Yvonne Formosa et" P. A. Per Imħallef Albert J. Magri, 1 ta' Ottubru 2003). Dan il-pussess irid ikun mhux sempliċement każwali iżda jrid ikun pussess formali, jiġifieri kapaċi li jiġġenera u jikkostitwixxi d-dritt tal-proprjeta'. Konsegwentement dak il-pussess għandu jkun reali u mhux biżżejjed pussess di diritto. ("Stella Briffa et vs Catherina Scicluna et" Vol. XXXVIII p. 21). Il-prinċipju li fuq huwa mibni dan l-imsemmi artikolu huwa dak li jwaqqaf il-kawżi tal-wirt jew sehem mill-wirt kontra min għaż-żmien ta' għaxar snin ikun żamm f'idejh bħal sid il-ġid tal-wirt jew ta' dik il-parti li dwarha tmexxa kontrih l-azzjoni ereditarja. ("Ellul Bonnici vs Apap Bologna" Kollezz, Vol. XLI-II-1022, u "Angela Magro vs Angelo Magro et", Prim' Awla 2 ta' Ottubru 2012 per imħallef Mark Chetcuti). Huwa ndubitat li l-preskrizzjoni fuq imsemmija hija fin-natura tagħha akkwiżittiva għax minħabba dak iż-żmien il-possessur tal-eredita jkun akkwsita d-dritt fuq l-eredita' u għalhekk ikun jsita' jirrespinġi d-dritt ta' min jiġi l-quddiem li għal din id-disposizzjoni għandha natura estensiva. ("Anglea Grixti vs Angela sive Gulia Ellul", Appelli 5 ta' Diċembru 1939, "Joe D'Amico et vs David D'Amico et" Prim' Awla, 5 ta' Diċembru 2003 per imħallef Joseph Azzopardi). Huwa evidenti għalhekk illi f'kawża għal likwidazzjoni u diviżjoni ta' wirt li jikkonsisti biss fil-kollazzjoni ta' somma flus li tista' tirriżulta wara li trasferiment magħmul mid-decujus għandu l-elementi kollha tal-preskrizzjoni deċennali kif trid il-liġi u kif interpretat mill-ġurisprudenza nostrana;

2. Illi din l-eċċezzjoni ngħatat mill-esponenti fil-kawża "Rosita Curmi vs Salvina Grima" (Ċitazzjoni numru 63/2008) iżda din l-Qorti diversament ippreseduta skartata għaliex (i) dik ma kienitx kawża fejn qiegħed jintalab il-wirt jew legat jew sehem riservat u (ii) ma ngħatat l-ebda prova li l-wirt ta' Salvu u Rosita konjuġi Grima qiegħed fil-pussess esklussiv tal-konvenuti li taw dik l-eċċezzjoni. Illi bir-rispett kollu lejn din l-Qorti diversament presedtua kien hemm lok li tingħata din l-eċċezzjoni anke f'dik il-kawża setgħet tingħata wkoll f'dik il-kawża stante li kif irrileva l-esponenti u kif fil-fatt qed jirriżulta issa dik kienet kawża preordinata għal din il-kawża u meta si tratta ta' kawża preordinata għal kawża oħra l-eċċezzjonijiet (u speċjalment l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni) li jistgħu fit-tieni kawża jistgħu jingħataw ukoll fl-ewwel kawża;

3. Illi jirriżulta wkoll a tenur tal-ġurisprudenza fuq ċitata u l-ġurisprudenza ċitata minn din il-Qorti diversament ippreseduta fil-kawża l-oħra, meta l-uniku assi li jrid jiġi diviż huwa biss il-kollazzjoni li għandhom jagħmlu l-konvenuti huwa ovvju li l-wirt u l-assi ereditarju kien ad eskluzzjoni ta' kullħadd fil-pussess tal-konvenuti u ta' ħadd aktar;

4. Illi għar-rigward tal-ewwel u t-tieni talbiet ma ġiex indikat x'inhu l-valur tas-sehem donat lill-eċċipjenti u għalhekk stante li valur tal-immobbli ġie stabbilit fil-kawża Ċitazzjoni Numru 63/2008 fl-ismijiet "Rosita Curmi vs Salvina Grima" irid jiġi deċiż jekk din il-Qorti hijiex marbuta b'dawk il-valuri u x'inhu l-ammont li jirrappreżenta l-valur tad-donazzjoni.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut Emanuel Curmi li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi l-esponenti jaqbel mal-premessi u t-talbiet hekk kif dedotti minn Rosit Curmi;

2. Illi huwa da parti tiegħu jiddikjara li huwa ma messu assolutament xejn mill-wirt tal-ġenituri tiegħu;

3. Illi fit-tielet lok, l-esponenti jiddikjara wkoll illi huwa qatt ma oppona jew fixkel milli ssir il-qasma u għaldaqstant l-esponenti umilment jissottometti li huwa ma għandux jiġi imputat ebda spejjeż kwalsiasi;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut Paul Curmi li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi jekk fl-assi tal-ġenituri tiegħu, Salvu u Rosita konjuġi Curmi, jirriżulta li hemm xi ħaġa x'tinqasam, huwa ma jopponix għad-diviżjoni mitluba;

2. Illi huwa ma jafx f'hiex jikkonsisti l-wirt tal-ġenituri u għalhekk jekk jirriżulta li ma hemm xejn x'jinqasam huwa ma għandux ibgħati ebda spejjeż.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-Avukat Dottor Joseph Grech in rappreżentanza tal-konvenuti msiefrin Margaret Testa u Alfred Curmi, li permezz tagħha ecepixxa:

1. Illi huwa ġie nominat bħala kuratur permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex jirrappreżenta lill-assenti Margret Testa u Alfred Curmi;

2. Illi l-esponenti għadu ma huwiex edott mill-fatti tal-każ;

3. Illi madankollu l-esponenti qiegħed minn issa jirriserva li jressaq dawk l-eċċezzjonijiet kollha kif ukoll dawk il-provi kollha li jistgħu jirriżultaw neċessarji matul il-kawża skont il-liġi.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuta Salvina Grima li permezz tagħha eċċepiet:

1. Illi preliminarjament l-esponenti qed teċċepixxi deċennali a bażi tal-Artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili;

2. Illi fil-mertu a rigward il-valur tan-nof tal-post bin-numru sitta u ħamsin (56), Triq ta' Ċenċ Sannat, Għawdex, senjatament is-sehem appartenenti lil Rosina Curmi u li ġie trasferit lil esponenti japplika l-Artikolu 702 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi mingħajr preġudizzju għal dak haw fuq premess, irid jiġi rispettat il-prelegat imħolli mill-istess Rosina Curmi lil bintha Salvina Grima fit-testment tagħha tal-ħmistax (15) ta' Settembru 1987 permezz tat-tieni artikolu tal-istess testment, liema legat huwa wieħed remuneratorju u mħolli lil Salvina Grima bi ħlas u tpattija tad-dviersi serviġi, kuri u assistenzi resi mill-esponenti u bil-kundizzjoni li tibqa tipprestalha tali serviġi, kuri u assistenzi neċessarji sal-mewt tagħha;

4. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess u b'referenza għall-ewwel talba attriċi, l-esponenti qed tirrileva illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu 2014 iddikjarat illi għalkemm il-kuntratt magħmul bejn l-esponenti u l-ġenituri tagħha kien simulat, pero kellu element oneruż nonostanti li fin-naturi preponderanti tiegħu kein kutnratt ta' donazzjoni. Għaldaqstant u peress li l-Onorabbli Qorti tal-Appell ma kwantifikatx kemm mill-imsemmi kuntratt kien l-element oneruż u kemm kien l-element gratuwitu, irid jiġi deċiż x'valur għandu jingħata liż-żewġ elementi rispettivi u dan qabel din l-Onorabbli Qorti tkun tista' tordna lil esponenti sabiex iġib lura fil-massa tal-wirt il-valur tas-sehem lilha donat;

5. Illi mingħajr preġudizzju għal premess u fi kwalunkwe każ, minn tali valur għandu jitnaqqas dak l-ammont spettanti lil esponenti fi ħlas ta' kuri, assistenzi u serviġi minnha reżi lil ommha Rosina Curmi għal numru ta' snin u dan hekk kif tirrikonoxxi l-istess Rosina Curmi fit-testment tagħha;

6. Illi b'referenza għall-ħdax (11) il-talba tal-attriċi, l-esponenti tixtieq tirrileva illi l-attriċi tista' titlob lil din l-Onorabbli Qorti biss għal ħlas ta' kwalunkwe sehem

spettanti lilha u dana peress li hija biss li qed tippromwovi dina l-kawza u għaldaqsant il-ħlas kellu jintalab biss fil-konfront tal-attriċi u mhux tal-eredi kollha tal-konjuġi Curmi.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Rat l-atti tal-kawża fl-ismijiet: "Carmelo Curmi vs Victor Curmi et noe et." (Ċitaz. Nru. 67/1993), u tal-kawża fl-ismijiet: "Rosita Curmi vs Salvina Grima et." (Rik. 63/2008), allegati b'digriet ta' din il-Qorti tal-1 ta' Frar 2017.

Rat id-digriet tagħha tat-8 ta' Mejju 2018 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni magħmula minn uħud mill-konvenuti.

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugħa.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attriċi qed titlob il-likwidazzjoni u diviżjoni tal-wirt tan-nanniet paterni tagħha Salvatore u Rosina konjuġi Curmi. Preliminarjament, il-konvenuti Victor Curmi u Salvina Grima eċċepew il-preskrizzjoni deċennali a bażi tal-artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili, li fl-ewwel paragrafu tiegħu jipprovdi li:

"**L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew is-sehem riservat, sew fis-successjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk *ab intestato*, tispicca bl-gheluq tal-ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni**."

Din is-sentenza *in parte* sejra titratta biss din l-eċċezzjoni.

Huwa stabilit fil-ġurisprudenza illi sabiex tiddekorri din il-preskrizzjoni jeħtieġ li min jeċċepiha jkollu:

(i) il-pussess *animo domini*;

(ii) bħala eredi uniku u esklussiv, u

(iii) tal-eredita' kollha bħala *universum jus*.

Dawn l-elementi joħorġu minn studju komparattiv ta' diversi sentenzi pronunzjati mill-Qrati tagħna. Hekk insibu:

**Pussess *animo domini*:-**

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fil-kawża: "S. Briffa et v. G. Scicluna et.", fissret in-natura ta' dan il-pussess bil-mod segwenti:

"*Il-preskrizzjoni decennali li tolqot l-azzjoni maghrufa bhala petitio hereditatis ... hija preskrizzjoni akkwizittiva; u dan mhux biss fir-rapport bejn il-koeredi, imma anki fil-konfront tal-legatarji u ta' dawk l-ohra li ghandhom dawn id-drittijiet.*

*Ghaldaqstant, barra mill-element passiv taz-zmien, hemm bzonn li jigi pruvat anki l-element attiv tal- pussess. U dan il-pussess irid ikun mhux semplicement kazwali, izda jrid ikun pussess formali, jigifieri kapaci li jiggenera u jikkostitwixxi d-dritt tal-proprjeta'. Konsegwentement dak il-pussess ghandu jkun reali, u mhux bizzejjed il-pussess di diritto.*

*Meta si tratta ta' legat, ghalhekk mhux bizzejjed illi l-legatarju jibqa' inerti ghaz-zmien rikjest mil-ligi biex jintilef id-dritt ghal-legat, imma hemm bzonn li l-uzurpatur ikun jipposjedi l-haga abbandunata mill-proprjetarju u li jkun jipposjediha 'animo domini'*

*Il-pussess tal-uzurpatur irid ikun, ghalhekk, kontinwu, mhux interrott, pacifiku, publiku, u mhux ekwivoku, ghaz-zmien kollu li trid il-ligi, kif ukoll animo domini. Dan il-pussess ghandu jigi pruvat b'mod infrangibli, tant ghar-rigward tal-fatt tal-pussess fih innifsu, kemm ukoll tal-kwalitajiet jew karattri li jrid ikollu l-pussess; u din il-prova tinkombi lil min jallega l-preskrizzjoni.*

*Il-pussess reali li jehtieg ghal din il-preskrizzjoni hemm bzonn li jkun tal-haga in disputa,u mhux ta' hwejjeg ohra sija pure tal-istess eredita'.* [1]

**Eredi uniku u esklussiv**:-

Min jallega din il-preskrizzjoni jeħtieġ illi jkun ipposjeda l-eredita' (jew legat) b'mod esklussiv, ċioe' tali li mpedixxxa lill-koeredi l-oħra li jgawdu l-beni komponenti l-wirt (jew legat). Hekk il-Qorti tal-Appell fil-kawża: "Desira vs Cremona Dingli", irrikjediet illi min jipperċepixxi din il-preskrizzjoni jeħtieġ illi:

"*... si e' immesso nel possesso dell'asse ereditario quale erede unico ed esclussivo*".[2]
L-istess Qorti fis-sentenza tagħha fil-kawża: "Coleiro v.Portelli et." irriteniet illi:

"*L-azione di divisione e' imprescrittibile durante il tempo in cui i coeredi godono i beni ereditarii con le vesti di comunisti.*" [3]

**L-eredita' kollha bhala *universum jus*:-**

Fil-kawża "Darmanin noe. v.Cordina et.",[4] il-Qorti tal-Appell affermat il-prinċipju illi biex wieħed mill-koeredi jkun jista' jeċċepixxi din il-preskrizzjoni deċennali kontra l-koeredi l-oħra jeħtieġ ukoll illi hu jipposjedi l-assi kollha tal-wirt; u li ħadd mill-koeredi l-oħra ma jkun ipposjeda xi oġġetti formanti parti mill-wirt, Il-preskrivent irid għalhekk ikun ipposjeda l-eredita' tal-mejjet: l-eredita' meħuda fis-sens tal-liġi sew bħala rappreżentanza ġuridika, kemm ukoll bħala *patrimonio ereditario* jew bħala *jus universum*.

---

[1] Kollez. vol. XXXVIII.i.21
[2] Kollez. vol. XX.i.199
[3] Kollez. vol. XIX. i.120
[4] Kollez. vol.XXIX.i.57

Mal-mewt tad-*decujus*, il-pussess jgħaddi immedjatament u awtomatikament fis-suċċessuri tiegħu kollha.

Ġie konfermat kemm il-darba illi ż-żmien maħsub fl-artikolu 845 tal-Kap. 16, huwa wieħed preskrittiv u mhux ta' dekandenza."[5]

Ma jistax jonqos li jsir aċċenn ukoll għall-prinċipju sanċit fid-deċiżjonijiet tal-qrati tagħna illi:

"*L'eccezione della prescizione e' odiosa e per la sua applicabilita' si deve aver riguardo a quelle regole che siano meno lesive del diritto di proprieta'*."[6]

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, insibu illi:

1. Rosina u Salvu Curmi mietu rispettivament fid-29 ta' Diċembru 1991[7] u fl-1 ta' Ottubru 1992.[8] Rosina kienet għamlet testment fejn ħalliet legat lil waħda minn uliedha, imma ma nnominatx eredi, u għalhekk wirtuha uliedha kollha ndaqs.[9] Żewġha miet intestat u għalhekk wirtuh ukoll uliedu kollha.[10]

2. Fid-denunzja tas-suċċessjoni ta' Rosina Curmi, ġie dikjarat li fl-epoka tal-mewt tagħha din kienet tipposjedi l-għamara li kien hemm fid-dar residenzjali, u nofs minn somma ta' elf lira (Lm1000).[11] Fid-denunzja tas-suċċessjoni ta' Salvu Curmi ġie dikjarat li ma kellu xejn.[12]
3. Fil-25 ta' Jannar 1988, il-konjuġi Curmi biegħu lil binthom Salvina Grima in-nofs indiviż mill-fond residenzjali tagħhom li jġib in-numru 56, Cenc Street, Sannat, għall-prezz ta' Lm2000.[13]

4. Fit-23 ta' Awwissu 1988 Salvu Curmi biegħ lil ibnu Victor u lil Margaret mart ibnu l-ieħor Paul, in-nofs indiviż rimanenti mill-istess fond, bl-istess prezz.[14]

5. Fis-26 ta' April 1993 Carmelo Curmi, missier l-attriċi presenti, fetaħ kawża kontra ħutu Salvina, Victor u Paul u Margaret mart l-istess Paul Curmi f'tentattiv li jiġu annullati l-kuntratti msemmija minħabba simulazzjoni.[15] Din il-kawża ntilfet minħabba difett proċedurali.

6. Fis-6 ta' Novembru 2008 l-attriċi presenti, bħala eredi unika ta' Carmel Curmi, li sadanittant kien miet, fetħet kawża oħra quddiem din il-Qorti, fejn din id-darba

---

[5] Appell: Josephine Borg et. v. Joseph Bianco: 27.06.2008
[6] Kollez. vol.V.474; vol. XI.162 Pace Balzan v. Pace Balzan et.; vol. XIII.91 Castagna noe.v. Farrugia
[7] Ara Dok. A a fol 7 tal-proċess
[8] Ar Dok. E a fol. 13
[9] Ara Dokti. B, C u D a fol. 8 - 12 tal-proċess
[10] Ara Dokti F u G a fol. 14 - 15
[11] Ara kopja annessa man-Nota tal-attriċi tad-19.01.2016 a fol. 99 - 101
[12] Ara kopja annessa mal-istess Nota a fol. 104 - 106
[13] Ara kopja tal-kuntratt in atti Nutar P. G. Pisani esebit bħala Dok. H a fol. 16 - 18
[14] Ara kopja tal-kunratt in atti Nutar P. G. Pisnai esebit bħala Dok. I a fol. 19 - 21
[15] Ara kawża: ċitaz. Nru. 67/1993 fl-ismijet: Carmelo Curmi v. Victor Curmi et. deċiża minn din il-Qorti fit-23.10.2007

talbet li l-kuntratti ta' bejgħ li kienu saru minn nanniet tagħha lil uħud minn uliedhom jiġu dikjarati bħala donazzjonijiet simulati. Il-Qorti tal-Appell tagħtha raġun fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Marzu 2014,[16] u allura l-valur ta' din il-proprjeta' ġie soġġett għall-kollazzjoni favur l-eredi kollha ta' Salvu u Rosina konjuġi Curmi. Fl-istess sentenza ġie dikjarat illi "*l-wirt ta' Salvatore u Rosina Grima* (recte Curmi) *ghadu hux maqsum u ghalhekk il-preskrizzjoni taht art. 845 li fuqha jistriehu l-konvenuti appellanti ma tapplikax.*"[17]

7. In segwitu għal din is-sentenza l-istess attriċi presenti fetħet il-kawża odjerna fid-9 ta' Ottubu 2014.

8. Fil-kors tas-smiegħ ta' din il-kawża, diversi konvenuti, inklużi dawk stess li qajmu l-eċċezzjoni in eżami, ammettew li f'xi żmien kemm ilhom għaddejjin dawn il-kwistjonijiet, kienu ltaqgħu fid-dar tal-ġenituri tagħhom u qasmu bejnithom xi għamara u affarijiet oħra appartenenti lill-mejtin konjugi Curmi.[18]

F'dawn iċ-ċirkostanzi jirriżulta li Carmelo Curmi, missier l-attriċi, ma tilifx żmien wara l-mewt ta' missieru biex jieħu passi ħalli jara x'jista' jsalva mill-ġid li kellhom il-ġenituri tiegħu, u li fil-parti l-kbira tiegħu kien spiċċa f'idejn tlieta minn ħutu bil-manuvri ta' donazzjonijiet simulati bħala bejgħ ftit qabel il-mewt tagħhom. Dawn il-proċeduri ġudizzjarji baqgħu għaddejjin bla waqfien sa mis-sena elf disa' mija tlieta u disgħin (1993) permezz tat-tliet kawżi ndikati. Altru milli hu u bintu, m'għamlu xejn u ħallew iż-żmien għaddej biex jintilef kull dritt fuq l-eredita' tal-mejtin konjuġi Curmi. Għalhekk jista' jingħad li dawn il-proċeduri fihom infushom servew biex ġiet interrotta l-preskrizzjoni deċennali.

Lanqas jista' jingħad li, f'dawn l-inċertezzi u sakemm ġew deċiżi l-kawżi dwar is-simulazzjoni, l-konvenuti li qajmu din l-eċċezzjoni kienu qed jipposjedu l-eredita' tal-ġenituri tagħhom *animo domini,* bir-rekwiżiti kollha li pussess bħal dan jirrikjedi. Wisq inqas setgħu kienu *in buona fede*,[19] meta rriżulta li ftit snin wara l-akkwist tiegħu, Victor Curmi biegħ n-nofs diviż tal-fond ġia appartententi lill-ġenituri tiegħu bil-prezz ta' Lm110,000.[20]

Terġa' l-eċċipjenti ma jistgħux jgħidu li kienu għaż-żmien rikjest mil-liġi jipposjedu l-eredita' tal-ġenituri tagħhom esklussivament u bħala *universum jus.* Kien hemm l-għamara, li ġie ammess li nqasmet bejn l-aħwa. Ma ngħatx sodisfazzjon ta' x'sar mill-flus li ħallew ommhom u missierhom. Għalkemm kien hemm allegazzjoni li dawn insterqu, la Victor Cumi u lanqas Salvina Grima ma ammettew li żammewhom huma, kif messhom għamlu in sostenn tal-pretensjoni tagħhom li kellhom l-eredita' kollha f'idejhom. Issemmiet ukoll il-qbiela ta' għalqa ta' ċertu kobor, li ħadd ma ta ebda spjegazzjoni f'idejn min spiċċat, u allura jidher li din ukoll għadha għall-qasma.[21]

[16] Ara proċess tal-kawża ċitaz. Nru. 63/1988 fl-ismijet: RositaCurmi v. Salvina Grima et.

[17] Ara para. 18 a fol. 15 tas-sentenza; (kopja tagħha esebita fl-atti ta' din il-kawża a fol. 43 – 67)

[18] Ara xhieda ta' Salvina Grima, Victor Curmi, Emanuel Curmi u Paul Curmi a fol. 122 - 136; ara wkoll l-affidavit ta' Salvian Curmi a fol. 143 - 147

[19] Ara P.A. Elena Bonello v. Carmela Bruno Olivier: 22.10.1937

[20] Ara kopja tal-kuntratt tad-19.10.2004 esebit fl-atti tal-kawża nru.63/2008 a fol. 58 - 64

[21] Ara f'dan ir-rigward id-deposizzjoni tal-aħwa Curmi u Salvina Curmi, a fol. 122 - 147

Għaldaqstant, billi ma jirriżultax li ġew sodisfatti r-rekwiżiti tal-preskrizzjoni deċennali a tenur tal-artikolu 845 tal-Kap. 16, kif imfissra fil-ġurisprudenza, din l-eċċezzjoni tal-konvenuti Victor Curmi u Salvina Grima qed tiġi miċħuda, bil-kawża titħalla għall-kontinwazzjoni fuq il-mertu.

L-ispejjeż jibqgħu riservati.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

09.10.2018 – Sup79.2014 – Rosita Curmi vs Salvina Grima et
3719